


# Relikwa tad-driegħ ta' San Ġorġ Martri ġewwa Ferrara

**Kav. Carmel Bianchi K.C.**

It-Tempju ta' San Ġorġ fil-belt ta' Ferrara, apparti parti mirras, għada tgawdi mid-driegħ ta' San Ġorġ, miġjuba mill-Konti Robert ta' Fjandra, u mogħtija minnu lill-Kontessa Matilde, li kienet tat bħala rigal lill-Katidral fis-sena 1110, liema relikwa prezzjuża fl-1388 kienet ġiet magħluqa fuq struzzjoni tal-Isqof ta' Ferrara Tommaso Marcapesi.
*(Borelli Salvatore, "Il Megalomartire S. Giorgio nella fausta ricorrenza del suo XVI Centinario," Tipografia Francesco Giannini & Figli, Via Cisterna dell'Olio, Napoli 1902)*

Kbira kienet id-devozzjoni. L-ebda qaddis forsi ma kellu daqshekk qima tant li ngħatalu t-titlu ta' megalomartri. Fl-Ingilterra, pereżempju, il-kurċifiss aħmar ta' San Ġorġ fuq sfond bajdani jperper fuq il-bandiera nazzjonali Ingliża, tant hija l-kuxjenza li l-Ingilterra hija n-nazzjon ta' San Ġorġ. Il-bliet tal-ilma: Ġenova, Venezja u Barċelona għandhom lilu wkoll bħala Patrun.

Ir-relikwi tiegħu kienu tneħħew fil-bidu tas-seklu VII, meta l-invażjoni Islamika kienet teqred postijiet Kristjani. Il-kranju huwa kkonservat f'Ruma f'San Ġorġ ġewwa Velabro u parti minnu kienet ġiet imressqa ġewwa Ferrara fl-1600 meta ġiet miġjuba mill-Isqof Mons. Fontana.



*Ir-relikwa tad-driegħ ta' San Ġorġ li tinsab fil-belt Taljana ta' Ferrara*

Id-driegħ diġà ġie miġjub fl-1110 ġewwa Ferrara mill-konti Robert ta' Fjandra u ngħata lill-Kontessa Matilde li mbagħad tagħtu donazzjoni f'dan il-Katidral ġdid li wara ġie dedikat lil San Ġorġ fl-1135. Din ir-relikwa fl-1388, ġiet magħluqa mill-isqof Marcapesi, f'relikwarju artistiku ġdid tal-fidda, li huwa miżmum sal-ġurnata tal-lum u kien ikkummissjonat biex jissostitwixxi r-relikwarju ta' qabel li skont xi inventarju jmur lura għall-1355.
*(Rabitti, S. Ecc. Mons Paolo, "Omelia per la Festa di S. Giorgio - 23 Aprile 2006", Cattedrale di Ferrara, Italia).*

L-ewwel knejjes Taljani ddedikati għal San Ġorġ imorru lura għas-seklu u jinsabu fil-Ligurja. Fl-istess epoka kienet inbniet fl-unur tiegħu bażilika mill-isbaħ minn Chidelberto fiċ-ċentru

ta' Pariġi. Ir-relikwi ta' San Ġorġ kienu ġabu qima kbira, liema relikwi kienu probabbilment imċaqalqa matul l-invażjoni Persjani fil-bidu tas-seklu XII jew ftit wara l-wasla tal-Musulmani. San Girgor, isqof ta' Tours li miet fl-594, fix-xogħol Miracolorum Liberi, Cl (ed. T. Ruinart, b'mod PL. LXXI, Coll. 792-93) ifakkar it-tranżizzjoni tar-relikwi ġewwa Limoges u Le Mans. Fil-597, taħt il-pontifikat ta' Girgor I, li f'Ruma kien rinnova l-knisja sabiħa ta' San Ġorġ ġewwa Velabro, xi patrijiet introduċew fl-Ingilterra venerazzjoni għal dan il-martri żagħżugħ u l-famuż Konċilju Nazzjonali ta' Oxford ta' 1222 kien ipproklama l-ġurnata ddedikata għal San Ġorġ bħala festa pubblika. Ir-Re Edwardu wara għamlu Patrun tan-nazzjon kollu. F'Ruma, il-kranju tal-martri ġie vvenerat fil-Bażilika ta' San Ġorġ ġewwa Velabro sas-seklu VII, fl-1600 parti mill-kranju ġie trasferit lejn Ferrara. Fit-852 Pietro della Marca Spagnola jiftakar it-traslazzjoni ġewwa Spanja tar-relikwi ta' San Ġorġ u ta' Sant Aurelio (Marca hispanica, Pariġi, 1688, col. 357). Il-Konti Robert ta' Fjandra fl-1110 ġab ġewwa Ferrara d-driegħ ta' San Ġorġ u tah bħala donazzjoni lill-Kontessa Matilde li mbagħad tagħtu bħala rigal lill-Katidral il-ġdid tal-belt li kienet ġiet dedikata għall-qaddis fl-1135. L-istess relikwa, fl-1388, ġie magħluqa mill-Isqof Marcapesi f'relikwarju artistiku tal-fidda.



*Il-kattidral ddedikat lil San Ġorġ fil-belt Taljana ta' Ferrara*

*(MA Guarini, storico Kompendju tal-Knejjes ta' Ferrara, Ferrara, 1621. pp14-15)*

**Referenzi:**

Ħajr lil Dun Ġużepp Gauci għat-tagħrif li tani bit-Taljan u jien qlibthom għall-Malti.


